MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 681/2008

**Ronald Galea (391048M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Bulk Alpe Shipping Limited ta' ''Trust House'' 112, Bonadie Street, Kingstown, St. Vincent & Grenadines.**

**vs**

**M.V. Frau Nancy, registrata North Korea, gross tonnage 1887, net tonnage 1132, International call sign HMZK-2**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu l-mandatarju specjali rikorrenti ssottometta:

Illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' mija hamsa u hamsin elf tmien mija u tmenin dollaru amerikan ($155,880.00) ekwivalenti f'ewros ghall-ammont ta' tmienja u disghin elf sitt mija u ghoxrin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€98,620.78) rapprezentanti l-prezz ta' bunkers provduti lill-vapur intimat u mhallsa mis-socjeta' rikorrenti Bulk Alpe Shipping Limited, u dan skond ma jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi.

Illi minkejja illi l-intimat gie debitament interpellat sabiex ihallas l-imsemmija somma flimkien ma' l-imghax relattiv, huwa baqa' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu w dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti, l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti w ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-Artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

(1) Taqta' u tiddeciedi l-kawza abbazi tal-Artiklu 167 tal-Kap. 12 u cioe' bid-dispensa tas-smigh;

(2) Tiddikjara lill-intimat bhala debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' mija hamsa u hamsin elf tmien mija u tmenin dollaru amerikan ($155,880.00) ekwivalenti f'ewros ghall-ammont ta' tmienja u disghin elf sitt mija u ghoxrin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€98,620.78);

(3) Tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata.

(4) Kollox skond kif gie dikjarat aktar 'il fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax mid-data ta' kull pagament rispettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' mpediment ta' partenza tal-vapur intavolat kontestwalment mal-prezenti,

kontra l-intimat li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat l-affidavit ta’ Ronald Galea u semghet lill-istess Ronald Galea bil-gurament;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat li l-intimat debitament notifikat baqa’ ma rrispondiex.
Mill-atti processwali, t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw li huma gustifikati.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi ;
Billi tilqa t-talbiet tar-rikorrenti ;
Bl-ispejjez kontra l-intimat ;
U bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------